Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 437/09AE

**Josephine Farrugia Potter**

**vs**

**Victor Gauci f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza ta'**

**VG Shutter and Concrete Works Limited (C-21877)**

It-Tnejn, 22 ta' Frar 2016.

B'rikors pprezentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attriċi talbet li talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati jirrifondulha s-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) bl-imghax u bl-ispejjez, liema somma thallset mill-attrici akkont tal-prezz fuq promessa ta' cessjoni datat 19 ta' Mejju 2009.

Victor Gauci f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' VG Shutters and Concrete Works Limited eccepew:-

*1. Illi preliminarjament il-konvenut intimat Victor Gauci f'ismu proprju m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Josephine Farrugia Potter u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.*

*2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan billi ir-rikorrenti m'ghandhiex dritt ghal-flus imsemmija.*

*3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost ir-rikorrenti naqset milli tidher fuq l-att finali minghajr ebda raguni valida fil-ligi.*

*4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost jirrigwardja lill-istess esponenti ma hemmx danni jew spejjez x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti li qed taghmel it- talba. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess min qed jaghmel it-talba ghandhom igibu prova skond il-Ligi;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjez kontra min qed jaghmel it-talba.*

B'sentenza tat-22 ta' Frar 2011, il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u fid-19 ta' Settembru 2012 il-Qorti laqgħet it-talba attriċi.

L-Ewwel Qorti qatgħet is-sentenzi fuq dawn il-motivazzjonijiet:-

**<u>Sentenza tat-22 ta' Frar 2011</u>**.

*"Issa f'dan il-kaz jidher bic-car li in-negozjati saru bejn il-konvenut Victor Gauci u l-attrici Josephine Farrugia Potter fil-presenza t'ommha Linda. Mix-xhieda ta' l-attrici, liema xhieda ma gietx kontestata mill-konvenut, jirrizulta li l-konvenut qatt ma kien qal lill-attrici li huwa kien qed jagixxi f'isem is-socjeta' konvenuta w l-attrici ndunat li kien hemm kumpanija nvoluta dakinhar tal-iffirmar tal-konvenju. Jirrizulta li anke fil-konvenju li gie ffirmat bejniethom, ic-cekk li harget l-attrici gie ntestat f'isem il-konvenut de proprio, kif del resto kien talab hu. Dan ic-cekk sahansitra anke gie msarraf mill-konvenut stess, kif ikkonferma r-rapprezentant tal-Bank HSBC Aaron Attard.*

*Minn ezami tal-konvenju jirrizulta li l-konvenut deher fuq il-konvenju f'isem is-socjeta' konvenuta li taghha huwa direttur, pero' dan nonostante c-cekk hadu hu w sarrfu hu personalment.*

*Ghalhekk fl-ebda hin ma l-konvenut de proprio talab lill-attrici sabiex tohrog ic-cekk f'isem is-socjeta' konvenuta, w meta talbitu x'kienet il-kwistjoni tal-kumpanija li dehret fuq il-konvenju, dan qalilha li kienet kumpanija tieghu u li hu kien l-uniku Direttur. Qatt ma qalilha li ma kellux x'jaqsam man-negozju li kien qed isir*.

**<u>Sentenza tad-19 ta' Settembru 2012</u>**.

*Jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol. 5 immarkat bhala Dok. B li l-attrici kienet interpellat lill-konvenuti permezz ta' ittra ufficcjali datata 18 ta' Awwissu 2009 sabiex huma jirrifondulha s-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) ga imhalsa minnha lilhom u dan ghaliex hija ma ottjenitx il-bank loan u kien ghalhekk li ma kinitx ser tersaq ghall-iffirmar tal-kuntratt finali.*

*Jinghad minn ezami tal-atti processwali li l-attrici kienet intrabtet bl-iskrittura datata 19 ta' Mejju 2009, esebita fl- atti a fol.83 immarkata bhala Dok Z1 li tixtri u takkwista minghand il-konvenuti l-fond fuq imsemmi u dan skond il-kundizzjonijiet ta' l-istess ftehim. Fost il-kundizzjonijiet l- attrici kellha tottjeni self mill-bank pero' dan kellu jsir fi zmien xahar mill-iffirmar ta' din l-istess skrittura u ghalhekk sad-19 ta' Gunju 2009. Fil-fatt hemm imnizzel b'mod car u inivoku li din l-istess cessjoni hija soggetta li sa zmien xahar l-attrici tinghata self minn bank. Issa jirrizulta li l-istess attrici applikat ghal dan is-self wara it- terminu moghti lilha fl-iskrittura u dan ghaliex applikat ghas-self nhar it-2 ta' Lulju 2009.*

*Kif xehed ir-rapprezentant tal-Bank HSBC Aaron Attard huwa minnufih ipprocessa din l-applikazzjoni u cioe' l-ghada it-3 ta' Lulju 2009 billi irrefera l-applikazzjoni ghal head office taghhom skond l-procedura tal-Bank bir-rakkomandazzjoni tieghu sabiex din it-talba tigi milqugha. Illi pero' jirrizulta li skond ix-xhieda ta' Aaron Atard li nghatat nhar it-28 ta Settembru 2011 l-attrici ma nghatatx il-loan ghaliex ma kinitx f'posizjoni li toffri is-security rikjesta.*

*Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-attrici nghatat risposta ghat-talba taghha fi zmien hamest ijiem minn meta applikat u ghalhekk li kieku applikat fiz-zmien ta' xahar moghti lilha skond l-iskrittura l-konvenuti kienu jkunu jafu fejn kienu qieghdin f'dan ir-rigward.*

*Illi l-attrici qalet fix-xhieda taghha li meta hija marret titkellem mal-Bank tawha x'tifhem li ma kienx ser ikun hemm problemi u fil-fatt minn dak li qal Aaron Attard hemm konferma li setghet inghatat din l-informazzjoni pero' din l-informazzjoni verbali li setghet inghatat ma jobbligax il-Bank fil-konfront taghha stante li sanction letter ma nghatatx u spjegazzjoni ghaliex it-talba taghha giet rifjutata minkejja r-rakkomandazzjoni tieghu wkoll ma inghatatx.*

*Il-problema pero' li tara din il-Qorti mhix li hija ma nghatatx is-self mill-bank, li huwa minnu, izda li hija ma agixxietx mill-ewwel kif kienet tenuta li taghmel sabiex izomm ic-cessjoni in vigore. Huwa car li l-konvenuti riedu jaghtu terminu sabiex jaraw jekk l-attrici tinghatax din il-facilita'. Pero' l-attrici ma zammitx ma' dan it-terminu.*

*Il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg partijiet huma tenuti li jsegwu l-kundizzjonijiet tal-konvenju stante li z-zewg partijiet jintrabtu bl-istess ftehim. Ma jistax parti jiddeciedi li ma jonorax il-ftehim u t-terminu hemm prefiss u wara jghid li ma kienx tort tieghu li l-kuntratt ma jistax isir u ghalhekk jitlob li jinhall mill-ftehim. Pero' f'kaz fejn konvenju jiskadi minghajr hadd mill-kontendenti ma jimplimenta dak il-konvenju fit-terminu tal-validita' tieghu, u lanqas ma jiehu mizuri gudizzjarji li trid il-ligi biex jinfurzaw id-drittijiet u obbligi reciproki stipulati fil-konvenju jfisser li l-partijiet jirritornaw ghall-istatus quo ante. B'hekk ifisser li l-attrici ghandha dritt ghar-refuzjoni tal-flus li hija ghaddiet lill-konvenuti nhar id-19 ta' Mejju 2009. Ma jirrizultax mill-atti li l-konvenuti interpellaw lill-attrici sabiex tersaq ghall-kuntratt kif rikjest mill-ligi u ghalhekk fin-nuqqas ta' dan l-Qorti hija tenuta tilqa' t-talba attrici u tordna lill-kovenuti jirrifondu lura is-somma mitluba u tpoggi lill-partijiet fi status quo ante qabel ma gie iffirmat ic-cessjoni.*

*Il-Qorti tirrileva li din il-kawza mhix wahda fejn l-attrici qed titlob lill-Qorti tiddikjara li hija kellha ragun ma tersaqx ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u sabiex titratta fuq jekk l- konvenuti kellhomx dritt jinterpellawha sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess u dan ghaliex fil-fatt lanqas ma jirrizulta li l-konvenuti interpellawha sabiex tersaq ghall- pubblikazzjoni tal-kuntratt. Din il-kawza hija bazata biss fuq semplici talba ghar-refuzjoni ta' depozitu li sar mill-attrici fuq cessjoni ta' drittijiet fuq promessa ta' bejgh ta' proprjeta' liema bejgh pero' qatt ma sar.*

**<u>Appell tal-konvenuti</u>**.

L-intimati ħassewhom aggravati b'dawn is-sentenzi appellaw minnhom billi:

1. Il-fatt li l-attriċi ħallset lil Victor Gauci permezz ta' ċekk indirizzat lilu fil-kwalita` tiegħu personali ma ħoloq l-ebda relazzjoni ġuridika miegħu. Evidentement kellu jkun l-appellant personalment li jiġbor iċ-ċekk mingħand l-attriċi f'isem is-soċjeta` konvenuta. Il-ħlas ma setax isir mod ieħor. B'danakollu dan ma jfissirx li l-ħlas sar lill-appellant fil-kwalita` tiegħu personali.

2. L-iskrittura mhix wegħda ta' bejgħ imma wegħda ta' ċessjoni ta' dritt. Għalhekk dak li se mai jista' jkun dovut lill-attriċi mhux rifużjoni tad-depożitu imma likwidazzjoni ta' danni. Mhux rilevanti jekk il-konvenju skadiex, imma ta' min hu t-tort li l-wegħda ta' ċessjoni ta' drittijiet ma ġietx esegwita. Ġaladarba rriżulta lill-Qorti li l-attriċi naqset għax applikat għas-self tardivament l-ewwel Qorti kellha tieqaf hemm u tiddikjara li l-ftehim in kwistjoni ma jintitolahiex għal rifużjoni ta' depożitu imma għall-ħlas ta' danni. Dak li ġara rriżulta li seħħ tort tagħha u allura m'hi dovuta l-ebda danni.

**<u>Twegiba tal-attrici</u>**.

Fir-risposta tal-appell tagħha, l-attriċi wieġbet li:

1. Victor Gauci kkuntratta f'ismu personali billi minkejja li fil-ftehim issemmiet il-kumpannija kkonferma l-involviment tiegħu personali fuq kollox insista li ċ-ċekk

tad-depożitu joħroġ f'ismu personali mhux f'isem il-kumpannija

2. il-ftehim ta' ċessjoni kien soġġett għal kundizzjoni speċifika (self mill-Bank) li ma seħħitx minkejja li l-attriċi applika għaliha fiż-żmien stipulat u għalhekk m'għandha l-ebda tort. L-iskadenza tal-ftehim ma jfissirx li l-attriċi kellha titlef id-depożitu.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:

1. Dwar l-aggravju fuq is-sentenza preliminari, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti li ċ-ċekk rappreżentanti l-flus mertu ta' din il-kawża, indirizzat lil Gauci fuq insistenza tiegħu stess u msarraf minnu ma ħoloq l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u l-attriċi. Lanqas taqbel mal-appellanti li l-ħlas ma setax isir mod ieħor, jew li dan ma jfissirx li l-ħlas sar lill-appellant fil-kwalita` tiegħu personali. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza li semmiet l-ewwel qorti dwar in-natura ta' relazzjoni ġuridika. Kif inhu sewwa magħruf, rapport ġuridiku hi r-relazzjoni bejn żewġ suġġetti jew iktar li tkun regolata bil-liġi. Hija karatteristika tad-dritt li dan jirregola r-rapporti ġuridikament rilevanti; ċjoe` li jkollhom bħala skop interessi ta' siwi ekonomiku. Mill-provi rrizulta li Victor Gauci personalment inghata ċekk ghas-somma ta' hamest elef ewro (€5,000)[1]. Fil-fatt ic-cekk inhareg f'ismu. Dan fih innifsu holoq relazzjoni guridika. Li kieku hu rcieva c-cekk ghan-nom tas-socjeta appellanti, ic-cekk ma kienx jinhareg f'ismu. M'hemmx dubju li dan 'il fatt ta lok biex jinholoq rapport dirett bejn l-attrici u l-konvenut. Fic-cirkostanzi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

2. In kwantu l-aggravju għandu x'jaqsam mas-sentenza finali, l-appellanti joġġezzjonaw li l-ewwel Qorti ikkunsidrat weghda ta' ċessjoni ta' dritt bħala weghda ta' bejgħ. Jidher li effettivament hekk għamlet l-ewwel Qorti, li wara li nnotat li *"ż-żewġ partijiet huma tenuti li jsegwu l-kundizzjonijiet tal-konvenju stante li ż-żewġ partijiet jintrabtu bl-istess ftehim",* applikat il-provvedimenti tal-weghda ta' bejgh għall-ftehim tad-19 ta' Mejju 2009 (fol. 2). Fil-fatt ghamlet riferenza ghall-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili. L-appellanti argumentaw li dak il-provvediment ma japplikax ghall-kaz in ezami peress li l-iskrittura tad-19 ta' Mejju 2009 hu de inuendo contractu. In sostenn tal-argument taghhom ghamlu riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti[2] fil-kawza **Saviour Fiteni et vs Louis Mazzitelli et**, tat-2 ta' Gunju 2003 li kienet titratta dwar ftehim preliminari ta' cessjoni ta' lokazzjoni. F'dik is-sentenza l-qorti qalet:

---

[1] Fol. 23.
[2] Imhallef P. Sciberras.

*"Fejn din il-Qorti, imbaghad, ma taqbelx mal-veduta tal- Qorti tal-ewwel grad hu fejn dik il-Qorti kompliet tirraguna illi mhux bilfors li r-regoli li jirrigwardaw il-bejgh ma humiex applikabbli ghall-kaz, una volta li l-weghda ta' cessjoni ta' lokazzjoni titqies wahda valida u li setghet issir.*

*Ibda biex il-gurisprudenza abbundanti tippreciza illi d-disposizzjonijiet tal-weghda ta' bejgh huma eccezzjonali u ma jistghux jigu estizi minn istitut ghall-iehor. Ara sentenza fl-ismijiet "**Joseph Bartolo –vs- Francis Cilia**", Appell Kummercjali, 24 ta' Marzu 1947, fejn ukoll si trattava minn cessjoni u twellija ta' hanut.*

*Fit-tieni lok ghandu jinghad illi l-istess disposizzjonijiet ma jirregolawx "la promessa 'de contrahendo' in generale, ma solo la promessa di vendere" – "**Felice –vs- Coppini**", Prim'Awla, Qorti Civili, 29 ta' Marzu 1898 a Vol XVI p227;"**Zammit –vs- Pisani Demajo**", Appell, 7 ta' Mejju 1875 a Vol VII p405.*

*Din l-istess gurisprudenza irriteniet illi l-weghdiet biex wiehed jaffettwa certi kuntratti determinanti minn dejjem gew rikonoxxuti u ghalkemm f'certi kazijiet mhiex possibbli l-ezekuzzjoni specifika taghhom, f'hafna ohrajn pero dina l-ezekuzzjoni hi possibbli bhal ma huma promessa ta' lokazzjoni, promessa ta' transazzjoni u promessa ta' cessjoni ta' kreditu ("**Professur Dottor Isidoro Cassar – vs- Vittoria Zahra et**", Appell Civili, 25 ta' Novembru 1935; "**Luigi Mari –vs- Kan. Dun Giuseppe Mari et**" (Vol XXIX pII p1212).*

*Il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Bonello –vs- Azzopardi**", 15 ta' Gunju 1895 (Vol XV p194) espremiet ruhha dwar il-validita\` u l-esegwibilita\` ta' promessi bhal dawn fit-termini segwenti:-*

*"L'attore chiaramente deduce una promessa di futura cessione, e la dottrina distinse e la nostra giurisprudenza continua a distinguere non solo la vendita alla promessa di vendere, espressamente riconosciute dalla legge, ma in generale la promessa "de contrahendo" dal contratto che ne costituisce l'oggetto. La promessa puo\` riunire tutti i requisiti necessari a generare un contratto preliminare nel suo genere perfetto ad obbligatorio, e puo quindi dare luogo alla condanna del debitore a prestare il promesso in forma specifica o al risarcimento di danni."*

*Fis-sens ta' dawn l-istess principji d-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Ciappara et –vs- Grazia Borg et**", Appell Civili, 19 ta' Mejju 1958.*

*Il-kaz taht konsiderazzjoni, kif gja fuq affermat, hu indiskutibilment ftehim "de inuendo contractu" bejn il-kontendenti fuq il-bazi ta' promessa li giet miksura mill-appellati meta dawn, kif konfessat minn Julie Mazzittelli (fol*

*67), qabdu u wellew il-fond lil terzi".*

Fil-Kodiċi Ċivili, l-istitut taċ-ċessjoni ta' krediti qieghed fis-Sub-Titlu VII (intitolat "Fuq iċ-ċessjoni ta' krediti u Jeddijiet Oħra") ta' titlu VI (intitolat "Fuq il-Bejgħ") ta' Taqsima II tat-Tieni Ktieb (artikli 1469-1484). L-Artikolu 1469 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi: *"Iċ-ċessjoni jew* ***bejgħ*** *ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjeta' tagħhom tigi akkwistata ipso jure miċ-ċessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz….".*

3. Ankorke` l-att ta' wegħda ta' ċessjoni mertu ta' dan il-każ kellu jitqies li ma japplikax ghalih l-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili, l-aggravju tal-appellanti li l-attriċi kellha biss jedd ghad-danni, ma jreġix. Hu fatt li fil-konvenju jinghad li: *"Il-promessa ta' ċessjoni hija soġġetta illi sa zmien xahar mil-lum iċ-ċessjonarja tingħata self minn bank biex tkun tista' tixtri l-proprjeta, u huwa hekk soġġett ghal xahar mil-lum"* (fol. 4). Jirriżulta li l-kien biss fit-2 ta' Lulju 2009 li l-attrici applikat ghas-self, u ċjoe' iktar minn xahar wara d-19 ta' Mejju 2009. Madankollu dan in-nuqqas da parti tal-attriċi m'ghandux jissarraf fit-telf tad-depożitu. Is-somma ta' €5,000 tħallset akkont tal-prezz tal-fond li l-attrici kienet ser tixtri minghand it-terza persuna, u mhux bħala kapparra penitenzjali fir-rigward tal-weghda ta' cessjoni. Fl-iskrittura tad-19 ta' Mejju 2009 ma jinghadx li l-attrici titlef is-somma ta' €5,000 jekk ma tonorax il-ftehim. Fl-iskrittura hemm dikjarat li: *"Iċ-ċessjonarja tersaq ghall-att finali fi żmien tlett (3) xhur mil-lum u tersaq ghall-kuntratt irrispettivament jekk jinhariġx il-permess jew le".* L-appellanti m'eċċepewx li l-kuntratt tad-19 ta' Mejju 2009 għadu fis-seħħ. Lanqas ma jirrizulta li xi hadd mill-partijiet ghau jippretendi li l-ftehim ghadu fis-sehh. Fis-sentenza **Michele Galea v Mons. Kan. Kap. Prof. Carmelo Bonnici nomine**, tat-2 ta' April 1948 tal-Prim'Awla (Imħallef A.V. Camilleri)[3] intqal:-

*"Dina l-Qorti hija tal-fehma soda li l-promessa de contraendo in kwistjoni, ladarba għandha r-rekwiżiti komuni tal-kuntratti in ġenerali (ara art. 1000, 1007 tal-Kodiċi Ċivili) u dawk partikolari mposti speċjalment mil-liġi għall-prova tal-eżistenza tagħha (1277 tal-Kodiċi Ċivili), l-istess għandha tobbliga l-promittenti,* ***jew sabiex jippresta dak li pprometta in forma speċifika jew, skond il-każi, għar-risarċiment tad-danni…*** *Fis-sentenza tal-appell tas-7 ta' Mejju 1875, in re: Zammit v Demajo (kollez VII. 401 u in partikolari paġina 405 u wara)… intqal ukoll illi l-leġislatur semma biss il-promessa-vendita l-għaliex ried, dwar din l-aħħar istituzzjoni, joħroġ xi disposti speċjali, bla ma ġie b'hekk jirrevoka d-dritt precedenti għal kwalunkwe promessa – li għadu rikonoxxut validu anki llum…*

[3] XXXIII.ii.246.

*"Illi kwindi l-promessa permute de quo agitur hija soġġetta in ġenerali għall-prestazzjoni in forma speċifika; salvo li, jekk skond il-każ partikolari ma tistax tkun eżegwita, li l-istess tista' tkun konsegwenza ta' riżarċiment ta' danni kontra l-promittent li jonqos."*[4].

Fil-kaz in ezami m'hemmx prova li:-

(i) l-appellanti ppropopnew proceduri sabiex l-attrici tonora l-ftehim tad-19 ta' Mejju 2009 jew taghmel tajjeb ghad-danni li jallegaw li ghandhom jedd ghalihom; jew

(ii) li l-konvenju bejn is-socjeta appellanti u t-terz ghall-akkwist tal-fond maisonette numru 257, Triq l-Orsolini, G'Mangia kien ghadu fis-sehh.

Fic-cirkostanzi m'hemmx bazi legali biex l-appellanti jippretendu li ghandhom dritt li jibqghu jzommu s-somma ta' €5,000 li fl-iskrittura tad-19 ta' Mejju 2009 jinghad li thallset bhala akkont tal-prezz ghall-fond li l-attrici kienet ser tixtri minghand terza persuna li ma kinitx parti ghal dak il-konvenju. Fir-realta' bil-mod kif inkiteb il-konvenju, is-somma ta' €5,000 ma kinitx ser tinzamm mill-appellanti izda tinghata lill-bejjiegh, li ma kienux l-appellanti. Fil-fatt fl-iskrittura jinghad:

*"Ic-cessjonarja ser takkwista l-proprjeta versu l-prezz ta' erba u disghin elf tlett mija u disa' u tletin (€94,339) li minnhom l-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) qed tithallas prezenzjalment bhala depozitu akkont tal-prezz, filwaqt illi l-bilanc rimanenti jithallas malli jsir l-att finali"*.

Jidher ghalhekk li l-appellanti rcevew is-somma ta' €5,000 bhala depozitu li ma kellu x'jaqsam man-negozju li sar bejn il-kontendenti, izda kien parti mill-prezz li l-appellata kienet eventwalment ser thallas lill-venditur. Fil-fatt fl-iskrittura jinghad ukoll li: *"Din ic-cessjoni ta' drittijiet qed issir bla konsiderazzjoni"*.

**Għal dawn ir-ragunijiet l-appell qiegħed jiġi miċħud. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellanti**.

Anthony Ellul.

---

[4] Michele Galea v Mons. Kan. Kap. Prof. Carmelo Bonnici ne. 02.04.1948 – Prim'Awla (Imħallef A.V. Camilleri) XXXIII.ii.246